MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2011

Citazzjoni Numru. 1044/2010

**Alan Bartoli ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija C & H Bartoli Ltd**

**Vs**

**A Gatt Trading Limited u Sammy Sultana u Catherine Sultana ghal kull interess li jista' jkollha**

F'din il-kawza l-attrici qeghda titlob ir-revoka ta' mandat ta' qbid numru 1335/2010 fl-ismijiet: **A Gatt Trading Ltd vs Sammy Sultana et**, mahrug fis-27 ta' Awwissu 2010. L-attrici ssostni li l-mobbli li nqabdu ghadhom proprjeta taghha, ghaliex il-konjugi Sultana ghadhom ma hallsux il-prezz, u f'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghall-ftehim ta'

xiri li jipprovdi li sakemm jithallas il-prezz l-attrici tibqa' proprjetarja tal-mobbli.

Il-konjugi Sultana ddikjaraw li jaqblu li l-oggett li nqabdu kienu xtrawhom minghand il-kumpannija attrici, u li ghadhom isiru l-pagamenti fuqhom.

Il-kumpannija konvenuta wiegebet li:-

i. Il-procedura korretta hi dik kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12, u ghalhekk m'ghandix taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji.

ii. Il-kumpannija attrici ghandha taghti prova li l-mobbli li nqabdu ghadhom proprjeta taghha.

iii. Ma tistax tintalab ir-revoka ta' mandat ta' qbid ghaliex il-ftehim bejn l-attrici u l-konjugi Sultana jipprovdi: *"the equipment remains the property of C & H Bartoli Ltd until fully paid for"*, peress li dan ma jinkwadrax ruhu fl-Artikolu 1997 u 1439 tal-Kodici Civili.

iv. It-talba tal-kumpannija attrici ma tistax tirnexxi ghaliex skond l-Artikolu 1439 tal-Kodici Civili, kellha taghmel it-talba fi zmien 15 il-jum mill-kunsinja.

v. F'kull kaz il-kumpannija konvenuta ma setghetx kienet taf li l-mobbli huma proprjeta tal-attrici u ghalhekk m'ghandix tbati spejjez.

Fid-dokument X a fol. 3, il-kumpannija attrici elenkat il-mobbli oggett ta' din il-kawza u li qalet li jissemmew fil-mandat ta' qbid numru: 1335/2010. Wara li l-qorti rat l-atti inkluz dawk tal-mandat ta' qbid numru 1335/2010, hi sodisfatta li l-oggetti li jissemmew fid-Dok X (fol. 3) u li gew maqbuda mill-fond New Wave Kiosk, Triq il-Gardel, Pjazza De Carlo Diacono, Zejtun fis-6 ta' Ottubru 2010 nxtraw minghand il-kumpannija attrici, bl-eccezzjoni ta':-

i. 1 Ilsa Freezer 1 door Gn2/1 700L Harmony AH071002;

ii. 1 Coreco Con. Ref. Counter S/s doors MRP200;

iii. 1 MTK 4Gn1/1 Drawer w/top & back splash BB11A;

L-oneru tal-prova li dawn l-oggetti nxtraw u ghadhom proprjeta tal-attrici, hu fuqha. Id-dokumenti li esebit (Dok.

A-F) ma jaghtux din il-prova. L-attrici pprezentat is-sales orders tal-oggetti li Sultana xtraw minghandha, u t-tlett oggetti fuq imsemmija ma jissemmewx. Ghalhekk il-verzjoni li ta Alan Bartoli m'hijiex korraborata mid-dokumenti li gew esebiti flimkien mar-rikors guramentat.

Ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni fuq is-sales order li ***"The equipment remains the property of C & H Bartoli Ltd until full paid for"***, ir-raba' u hames eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta ma jregux. Il-ftehim ta' xiri hu car u m'hemmx dubju li l-oggetti li jissemmew fis-*sales order* li gew prezentati baqghu proprjeta tal-kumpannija attrici gialadarba ghadu ma sarx il-hlas kollu tal-prezz. Il-provvedimenti tal-ligi li ghamlet riferenza ghalihom il-kumpannija konvenuta fir-risposta guramentata, m'ghandhom l-ebda rilevanza.

Fir-rigward tal-procedura li kellha tigi segwita, il-qorti taqbel li l-kumpannija attrici kellha l-opportunita li tipprocedi skond l-Artikolu 281 tal-Kap. 12. Terzi li m'huwiex parti f'mandat ta' qbid ezekuttiv ghandu kull jedd li jaghmel rikors u jitlob li jithassar il-mandat ezekuttiv, *"ghal raguni valida skond il-ligi."*. Fil-fehma tal-qorti l-fatt li t-terz hu proprjetarju tal-mobbli li jkunu nqabdu, hi raguni valida biex isir rikors simili. Madankollu l-fatt li l-attrici ghazlet li tipprezenta rikors guramentat ma jfissirx li din twassal ghan-nullita ghalkemm dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

i. Tichad l-ewwel, raba' u hames eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta bl-ispejjez kontra taghha.

ii. Thassar il-mandat ta' qbid numru: 1335/2010 fl-ismijiet: 1335/2010 mahrug fis-27 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet **A. Gatt Trading Ltd vs Sammy Sultana et** limitatament in kwantu dan jolqot il-mobbli numru: 7, 10, 11, 12, u 16 (mhux inkluz MTK 4Gn1/1 Drawer w/top & Back splasch BB11A)[1] li nqabdu mill-fond New Wave, Pjazza Carlo Diacono, Zejtun in kwantu l-qorti hi

[1] Ara l-atti tal-mandat ta' qbid ezekuttiv numru:- 1335/2010.

sodisfatta li dawn l-oggetti ghadhom proprjeta tal-kumpannija attrici. Tichad it-talba fir-rigward tal-kumplament tal-oggetti.

Il-konvenuti Sultana ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom in kwantu din il-kwisjtoni nqalghet minhabba l-morozita fil-hlas min-naha taghhom. Salv ghal dak li nghad hawn fuq ghandhom jaghmlu tajjeb ghal nofs l-ispejjez tal-kumpannija attrici u tal-kumpannija konvenuta. Salv ghal dak li nghad hawn fuq l-attrici ghandha taghmel tajjeb ghal nofs l-ispejjez taghha u nofs l-ispejjez tal-kumpannija konvenuta, meqjus li setghet tipprocedi skond l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u b'hekk tilllimita l-ispejjez, u t-talba taghha ma gietx milqugha fit-totalita taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------